MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1903/2001/1

**VALLE DEL MIELE LIMITED**

vs

Wallace **FINO**, Christopher Gauċi, u Victor Żammit fil-kapaċita' tagħhom personali u bħala diretturi tas-Soċjeta' Price Club Operators Limited (C 22704)

## Il-Qorti:

Dan huwa Degriet mogħti bis-setgħa tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta fid-dawl ta’ dak li jingħad fil-verbal tas-smigħ tal-20 ta’ Ġunju, 2002;

Illi l-kawża llum tinsab imħollija għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin;

Illi għalkemm fis-smigħ tas-27 ta’ Frar, 2002, din il-Qorti, fuq talba tal-avukati tal-partijiet, kienet tat lill-istess partijiet żmien biex iressqu Noti ta’ Osservazzjonijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari, dawn baqgħu ma sarux u fis-smigħ ta’ wara l-imsemmi degriet tħassar *contrario imperio* fuq talba tal-avukat tal-imħarrkin;

Illi, madankollu, meta ssejħet il-kawża fl-20 ta’ Ġunju, 2002, l-avukat li deher għall-imħarrkin reġa’ talab li jitħalla jressaq Nota ta’ Sottomissjonijiet dwar dawk l-eċċezzjonijiet, u l-Qorti laqgħet it-talba, u tat żmien biex dan isir;

Illi għal darb’oħra dan ma sarx, mhux biss saż-żmien mogħti b’dak id-Degriet tagħha,imma sallum, b’mod li l-Qorti ma tistax tgħaddi għas-sentenza;

Għalhekk, il-Qorti qegħda tipprovdi kif sejjer jingħad:

(a) tħassar *contrario imperio* d-Degriet tagħha tal-20 ta’ Ġunju, 2002, fejn tat żmien lill-partijiet biex iressqu Noti ta’ Sottomissjonijiet dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet;

(b) tħassar *contrario imperio* d-Degriet tagħha tal-20 ta’ Ġunju, 2002, fejn ħalliet il-kawża għas-sentenza fuq l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari, u qegħda għalhekk twaqqaf l-għoti ta’ dik is-sentenza; u

(ċ) tirriserva li , waqt is-smigħ li għalih tinsab imħollija din il-kawża, tagħti l-provvediment meħtieġ dwar il-mixi ‘l quddiem tal-kawża, u mingħajr preġudizzju għall-istess eċċezzjonijiet.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------